



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10654/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0268 (NLE)

PECHE 252

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 505 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2018–2024)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 505 final.

Mehmuż: COM(2018) 505 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2018
COM(2018) 505 final

2018/0268 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2018–2024)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tal-Kosta tal-Avorju bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju². Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fis-16 ta' Marzu 2018. Il-Protokoll ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data li fiha jkun iffirmat, kif huwa indikat fl-Artikolu 15.

Il-Protokoll il-ġdid għandu l-għan ewlieni li lill-bastimenti tal-Unjoni jagħtihom opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju, skont l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u filwaqt li jirrispetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Dan il-Protokoll il-ġdid jikkunsidra r-riżultati ta' evalwazzjoni tal-aħħar Protokoll (2014-2018) u ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. It-tnejn li huma twettqu minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju u jappoġġa l-isforzi tal-Kosta tal-Avorju biex tiżviluppa l-ekonomija blu tagħha, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll jistipula opportunitajiet tas-sajd f'dawn il-kategoriji:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun;
- 8 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ.

Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-metodu kif dawn l-opportunitajiet tas-sajd se jiġu allokat i fost l-Istati Membri.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Matul l-evalwazzjonijiet *ex-post* u *ex-ante*, il-partijiet interessati ġew ikkonsultati dwar il-possibbiltà ta' Protokoll ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju. Fil-laqgħat tekniċi li saru ġew ikkonsultati l-esperti mill-Istati Membri u mill-industrija. Dawn il-konsultazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li jkun ta' ġid għall-Unjoni Ewropea u għar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju li jiġi konkluż Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Din il-proċedura nbdiet b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma tal-Protokoll, kif ukoll mad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni tal-Protokoll innifsu.

¹ Adottati waqt it-3595 laqgħa tal-Kunsill tal-Edukazzjoni taż-Żgħażaġħ, tal-Kultura u tal-Isport tal-15 ta' Frar 2018.

² ĠU L 170, 22.6.2013, p. 2.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2018–2024)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill 242/2008 (KE)³ dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim");
- (2) L-aħħar Protokoll tal-Ftehim jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2018.
- (3) Il-Kummissjoni nnegożjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem, "il-Protokoll"). Wara dawn in-negożjati, ġie inizjalat abbozz ta' Protokoll ġdid fis-16 ta' Marzu 2018.
- (4) F'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2018/.../UE⁴, il-Protokoll il-ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stipulati fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (minn hawn 'il quddiem, "il-Protokoll") ġie ffirmat nhar ... *[jekk jogħġbok daħħal id-data tal-firma]*.
- (5) L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu sħiħ ta' applikazzjoni tal-Protokoll.
- (6) Fl-Artikolu 12 tiegħu, ir-Regolament (EU) 2017/2403 jipprevedi li, matul sena speċifika jew kwalunkwe perjodu rilevanti ieħor tal-implimentazzjoni ta' protokoll ta' SFPA b'kont meħud tal-perjodi ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mhux użati, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu infurmati bil-ħsieb li ssir l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mhux użati.
- (7) Il-Protokoll se japplika b'mod proviżorju mid-data li fiha jiġi ffirmat sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għaldaqstant, jenħtieġ ukoll li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 242/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, min-naħa l-oħra (ĠU L75, 18.03.2008, p.51).

⁴ ĠU L , , p. .

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(1) L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti bil-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju huma b'dan allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

Spanja: [16-il] bastiment

Franza: [12-il] bastiment

(b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja: [6] bastimenti

Il-Portugall: [2] bastimenti

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President